***Stqarrija għall-istampa mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE)***

# Il-Konferenza tal-NCPE għall-Jum Internazzjonali tal-Mara 2024
# 'Il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata qed isostni d-daqs tal-familja?'

Il-Jum Internazzjonali tal-Mara, iċċelebrat kull sena fit-8 ta' Marzu, huwa jum biex nirriflettu dwar l-iżviluppi pożittivi lejn l-emanċipazzjoni tan-nisa f'diversi sferi kif ukoll sejħa għal azzjoni biex tinkiseb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

F'din l-okkażjoni, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (l-NCPE) organizzat konferenza biex tippreżenta r-riżultati ta' studju ta' riċerka bl-isem: 'Il-Perċezzjonijiet u l-Attitudnijiet tan-Nisa u l-Irġiel f'Malta dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata, b'attenzjoni speċifika għad-daqs tal-familja'. Dan l-istudju huwa partikolarment rilevanti fil-kuntest billi fl-2021 Malta kellha l-inqas rata ta' fertilità (1.13 twelid ta' trabi għal kull mara) u li l-parteċipazzjoni tan-nisa fl-impjiegi qed tiżdied, u għaldaqstant ir-rikonċiljazzjoni tal-ħajja tax-xogħol u tal-familja hija kruċjali.

Il-Kummissarju tal-UE għall-Ugwaljanza, Dr Helena Dalli tkellmet dwar ir-rilevanza tat-titjib tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-ġenituri li jaħdmu madwar l-Unjoni Ewropea biex tinħoloq Unjoni ta' Ugwaljanza fejn in-nisa jkunu jistgħu jmexxu, jirnexxu u jkunu ħielsa. Il-Kummissarju Dalli qalet li d-Direttiva dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata daħħlet il-leave tal-paternità u l-leave tal-ġenituri, b'mill-inqas 10 ijiem leave tal-paternità u 4 xhur leave tal-ġenituri li minnhom xahrejn huma mħallsa u mhux trasferibbli.

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, l-Ugwaljanza, ir-Riformi u d-Djalogu Soċjali Chris Fearne ħeġġeġ lill-parteċipanti biex jieħdu l-prinċipju tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata pass 'il quddiem billi jikkunsidraw il-ħtieġa ta' tagħlim u taħriġ tul il-ħajja. Għaldaqstant, enfasizza fuq il-ħtieġa ta' bilanċ bejn ix-xogħol, il-ħajja u t-tagħlim, fejn kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa jingħataw l-appoġġ meħtieġ biex jevolvu l-għarfien u t-taħriġ tagħhom biex ilaħħqu mal-ħtiġijiet li dejjem jinbidlu fis-suq tax-xogħol. Id-Deputat Prim Ministru rrefera għal diversi inizjattivi meħuda mill-Gvern biex jiġi infurzat il-prinċipju ta' paga ugwali għal

xogħol ta’ valur ugwali u ħabbar ukoll li dalwaqt fil-Parlament se tiġi ppreżentata leġislazzjoni li tinforza dan il-prinċipju fis-settur privat.

Is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza, l-Onor. s-Sa Rebecca Buttigieg semmiet l-iżviluppi ta’ Malta lejn l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-impenn tal-Gvern li jkompli jindirizza l-isfidi li fadal u d-differenzi bejn il-ġeneri b’konformità mal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mainstreaming tal-Ġeneru adottata fl-2022. L-Onor. Buttigieg irrimarkat li s-Servizz Pubbliku jipprovdi miżuri għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata biex jappoġġja lill-impjegati matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom. Diversi miżuri oħra biex jgħinu lill-familji bit-tfal ġew ukoll inklużi fil-Baġit tal-2024.

L-Onor. s-Sa Graziella Attard Previ, Shadow Minister għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet tat-Tfal, qalet li Jum il-Mara jġib miegħu reazzjonijiet differenti; huwa jum ta’ ċelebrazzjoni tal-kisbiet li għamlu n-nisa, filwaqt li huwa wkoll jum li jsaħħaħ l-isterjotip li, li tkun mara awtomatikament tindika status inferjuri. Is-Sa Attard Previ qalet li t-tema internazzjonali ta’ din is-sena tiffoka fuq l-investiment fin-nisa biex jitħaffef il-progress, u minn perspettiva politika, tafferma l-impenn tal-Partit Nazzjonalista li jkompli jipproponi u jiżgura l-implimentazzjoni ta’ miżuri li jirreġistraw progress reali u dejjiemi.

Il-Kummissarju tal-NCPE, is-Sa Renee Laiviera enfasizzat il-ħtieġa kruċjali għal bidla trasformattiva fl-attitudnijiet tas-soċjetà lejn l-irwoli tal-ġeneru fid-dawl li huma iktar in-nisa li jieħdu ħsieb il-kura tat-tfal u r-responsabbiltajiet tad-dar. Is-Sa Laiviera spjegat l-għanijiet tal-istudju ta’ riċerka tal-NCPE, li janalizza jekk in-nisa u l-irġiel bejn it-18 u d-39 sena humiex interessati li jkollhom aktar tfal, il-fatturi li jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet tagħhom, l-isfidi fir-rikonċiljazzjoni tar-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-kura, u jipproponi rakkomandazzjonijiet sabiex jappoġġjaw lill-koppji biex ikollhom aktar tfal.

Wara Prof Anna Borg u Dr Maya Miljanic Brinkworth ippreżentaw ir-riżultati tal-istudju tal-NCPE. Dawn juru li kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel jesprimu xewqa għal aktar tfal. Madankollu, il-bidliet fil-valuri normattivi dwar in-numru ta' tfal u d-diffikultajiet finanzjarji huma l-isfidi ewlenin. Barra minn hekk, diffikultajiet fir-rikonċiljazzjoni tar-responsabbiltajiet tax-xogħol u tal-kura tat-tfal huma evidenti b'67.6% tan-nisa u 58.6% tal-irġiel kultant jew frekwentement isibuha diffiċli biex iwettqu r-responsabbiltajiet tal-familja tagħhom. L-iżbilanċ bejn il-ġeneri

jinfluwenza wkoll id-deċiżjonijiet dwar id-daqs tal-familja, b'46.1% tan-nisa wieġbu li l-iżbilanċ fil-kura tat-tfal jinfluwenza d-deċiżjonijiet tagħhom dwar id-daqs tal-familja u 46.9% wieġbu li l-iżbilanċ fix-xogħol tad-dar jinfluwenza dawn id-deċiżjonijiet.

Is-Sa Laiviera tat ħarsa lejn il-miżuri ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata kemm fis-settur pubbliku kif ukoll f'dak privat, filwaqt li spjegat id-definizzjonijiet tal-leave tal-maternità, il-leave tal-paternità, il-leave tal-ġenituri, u l-leave tal-*carers*. Saret referenza għall-iżbilanċi bejn il-ġeneri fl-użu tal-miżuri favur il-familja, partikolarment fejn jidħlu l-leave tal-ġenituri, il-waqfa fil-karriera u x-xogħol fuq skeda ta' sigħat imnaqqsa.

Il-parteċipanti kellhom ukoll l-opportunità li jiddiskutu r-riżultati tar-riċerka u r-rakkomandazzjonijiet, li kienu wkoll ppubblikati mill-NCPE f'fuljetti biex tiġi ffaċilitata d-diskussjoni.

Fir-rimarki ta' konklużjoni tagħha, is-Sa Laiviera rringrazzjat lill-parteċipanti kollha tal-attendenza tagħhom fil-Konferenza, u tenniet li l-NCPE se tevalwa l-punti li tqajmu u tikkunsidrahom fix-xogħol tal-NCPE biex niżguraw li l-ugwaljanza tkun tassew salvagwardjata fis-soċjetà tagħna.

**7 ta' Marzu 2024**